# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 63

L-Erbgħa, 24 ta' Jannar, 2024

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fis-sala tal-laqgħat fl-uffiċċji amminstrattivi tal-Kunsill Lokali fid-08:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 63.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

63.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

63.1.2 Is-Sindku ressaq xi korrezzjonijiet u dawn kienu approvati.

63.1.3 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 63.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

63.2.1 Is-Sindku informa li daħal rimbors ieħor tal-flus tal-ERA tal-ispejjeż tad-Dwejra.

63.2.2 Is-Sindku informa li l-ħaddiema tal-id bdew jikinsu t-toroq huma flok il-kuntrattur u s'issa mexjin sew ħafna.

63.2.3 Is-Sindku informa li l-aħħar jumejn tal-Milied kien hemm ħsara sostanzjali fit-tiżjin minħabba l-maltemp. Hu kompli jgħid li għandna naraw xi ħsara hemm ħalli nippreparaw għas-sena d-dieħla. Il-Kunsill qabel unanimament.

62.2.4 Is-Sindku issuġerixxa li joħroġ rapport ta' ħidma bil-progress li sar tul din il-leġiżlatura. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 63.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

63.3.1 Il-kunsillier Carmela Grima saqsiet x'kien ġara mill-applikazzjoni li għamel il-kunsill sabiex jitranġaw il-ħitan tas-sejjieħ. Il-Kunsill qabel li jġib stima sabiex jitranġaw mill-Kunsill stess.

63.3.2 Il-viċi sindku Anthony Formosa saqsa fuq il-maintenance tal-Pjazza. Is-Sindku informah li t-tender ser ikollu jerġa joħroġ, peress li ħadd ma daħal għall-offerta li kienet ippublikata.

## 63.4 Ħatra ta' DPO;

63.4.1 Is-SE infurmat li skont il-liġi, il-Kunsill irid jaħtar DPO u għalhekk għandu jinħareġ tender għalih. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 63.5 Updates tal-Proġetti;

63.5.1 Is-Sindku qal li l-proġett tal-Open Space lest ukoll u s-SE daħħlet l-karti għar-rifużjoni tal-fondi. Is-Sindku qal li l-pedestal fejn kienet l-istatwa ta' Nicholas Monsarrat kien fiha żewġ ġebliet kbar pero issa jaqbel li ssir biċċa travertine biex tiġi b'gost imtarraġ. Hu kompla jgħid li issa nistgħu jippjanaw sabiex nagħmlu attivita' waħda li tkun tikkonsisiti ukoll f'tifkira ta' 30 sena mill-bidu tal-Kunsilli.

63.5.2 Is-Sindku qal li l-proġett tal-14 il-sqaq miexi u qed jiltaqa mal-artistic director sikwit u s'issa qed jimtela l-proġramm. Ser ikun hemm tal-folk group involuti fiż-żfin u tal-kumitat ta-festa involuti sabiex jagħmlu l-fjakkolata u x-xemgħa. Hu kompla jgħid li li għamel talba mid-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u ġejna mogħtija €4500.00 sabiex jintużaw biex isir aktar reklamar.

63.5.3 Is-Sindku qal li l-proġett tar-refurbishment tas-sala qed nistennew l-aħħar dissinn tal-perit imbagħad jibdew il-works.

63.5.4 Is-Sindku qal li l-proġett tal-van wasal fi tmiemu ukoll għax il-van waslet u issa se titħallas ukoll. Is-Sindku qal li jipproponi li nduru l-van l-antika għall-ħsarat u din tibqa tintuża għat-transfers tan-nies biss. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 63.6 Adjudication Boards;

63.6.1 Is-SE qalet li ma kienx hemm adjudications sabiex japprova l-kunsill.

## 63.7 Run;

63.7.1 Is-Sindku qal li għar-run miexi kollox sew u l-Kunsil qed jgħin billi jagħti sapport amministrattiv. Hu kompja jgħid li din l-attivita' se tgħin lill-dawk li jsofru b'mard mentali. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 63.8 Proġett GAGF nr2;

63.8.1 Is-Sindku qal li dan il-proġett miexi ukoll u kellna laqgħa hu u s-SE flimkien mal-GAGF sabiex nemendaw id-dati tal-proġetti sabiex nkunu nistgħu nippjanaw it-tenders li għandhom joħorġu. Hu kompla jgħid li l-avvenimenti se jinkludu 3d mapping ġol-pjazza kollha, artist's residence, jinbidlu l-fanali tal-belvedere u jiġu installati binoculars sabiex jidhru l-istilel, titranġa l-kamra ta' fuq is-sala, fireworks festival, nature trail u business breakfast mal-Gozo Business Chamber. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 63.9 Project Management;

63.9.1 Is-Sindku qal li peress li l-proġett tal-Events tal-GAGF hu wieħed ikkumplikat u li jirrikjedi ħafna ħin hemm bżonn li jinħatar project manager sabiex jgħin tul il-proċess kollhu. Is-Sindku issuġerixxa lill-Ms Michelle Vella li kienet għinet f'proġetti snin qabel. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 63.10 Performance Appriasals;

63.10.1 Is-Sindku qal li jirrakomanda li s-SE tingħata 7% għal-Performance Appraisal. Il-Kunsill qabel unanimament.

63.10.2 Is-SE irrakomandat li jingħataw il-bonuses lill impjegati: Ms Claire Hili tingħata 3% u Ms Loretta Cauchi tingħata 3%. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 63.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

63.11.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

63.11.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 63.11.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

63.11.1 Il-laqgħa intemmet fl-09:30 u sar qbil li l-laqġħa li jmiss issir nhar L-Erbgħa, 29 ta' Frar 2024 fl-08:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv